# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 50**

**Avviz numru 914/00/SM**

**Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' Michael Attard Ltd.**

**vs**

**Sea Malta Co. Ltd u**
**The Cargo Handling Company Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici regolarment surrogata sejhet lis-socjetajiet konvenuti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu, jew min minnhom, lill-istanti is-somma ta' tlett mija u tmienja u hamsin lira u hamsa u erbghin centezmi (LM358.45,0) bhala danni mgarrba mis-socjeta' attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu li permezz taghha s-socjeta' attrici kellha tindenizza lill-assigurat taghha fl-ammont ta' tlett mija u sitta u ghoxrin lira u hamsa u erbghin centezmu (LM326.45,0) danni sofferti fil-merkanzija ta' vetturi li waslet Malta fuq il-vapur Maltese Falcon fid-19 ta' Lulju 1999 ma' liema ammont ta' danni jizdied ammont ta' tnejn u tletin lira (LM32) survey fee inkorsi mis-socjeta' attrici u ghalhekk danni totali fl-ammont ta' LM358.45,0);**

2. **Prevja d-dikjarazzjoni li huma jew minn minnhom kienu responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur;**

3. **Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenuti jew min minnhom;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited datata l-11 t'Awissu tas-sena 2000 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

1. **Fl-ewwel lok, u fi kwalunkwe kaz, id-danni reklamati huma limitati ghal dak li jirrizulta mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;**

2. **Fit-tieni lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;**

3. **Fit-tielet lok it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;**

4. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' l-ohra konvenuta The Cargo Handling Company Limited datata t-**

**12 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

1. **Preliminarjament illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;**

2. **Illi, minghajr pegudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;**

3. **Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socejta' eccipjenti dejjem agixxiet bhala bonus paterfamilias fil-konfront tal-merkanzija fdata lilha u ghalhekk ukoll mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati;**

4. **Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**

5. **Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma intempestivi stante illi s-socjeta' eccipjenti qatt ma giet interpellata in konnessjoni mal-allegati danni u nuqqasijiet lamentati fic-citazzjoni attrici, u fi kwalunkwe kaz ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;**

6. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti kollha esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' Michael Attard Limited kienet importat konsenja ta' vetturi fl-20 ta' Lulju ta' l-1999 permezz tal-vapur Maltese Falcon tas-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited;**

**2. Illi l-vetturi koncernati tpoggew f'Laboratory Wharf fl-istess data u gew rilaxxati lis-socjeta' importatrici fil-25 t'Ottubru ta' l-1999;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-vertenza odjerna tirrivolvi fuq il-kwistjoni ta' min mis-socjetajiet konvenuti hu responsabbli ghall-hsarat sofferti mis-socjeta' importatrici;**

**Illi din il-qorti taqbel pjenament mas-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited meta issostni li "s-socjeta' esponenti ma tistax tinzamm responsabbli hlief ghad-danni jew nuqqasijiet li jirrizultaw matul il-vjagg u sakemm ikunu abbord…", (ara fol 37);**

**Illi ghalhekk din is-socjeta' konvenuta ghandha biss tinzamm responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet li gew riskontrati fuq il-vetturi de quo meta dawn kienu taht il-kustodja ta' l-istess socjeta' liema danni u nuqqasijiet jirrizultaw elenkati sew fit-"tally sheet" relattiva, (ara fol 6);**

**Illi l-allegazzjoni ta' din is-socjeta' konvenuta li mhix responsabbli ghall-ebda parti mis-somma pretiza mis-socjeta' attrici ma tregix stante li ghall-anqas il-vettura indikata 6275 fit-"tally sheet" giet indikata wkoll fl-"invoice" relattiva, (ara fol 17, Dok. JF 2);**

**Ghaldaqstant din il-qorti, stante li s-socjeta' attrici pprovat il-kaz taghha tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghall-hsarat in dizamina, tillikwida d-danni hekk sofferti fl-ammont globali ta' tlett mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu, (LM 358.45,0); u in vista tas-suespost tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited biex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' hamsa u tletin Lira Maltin (LM35.00,0), u lis-socjeta' konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited biex thallas lill-istess socjeta' attrici l-ammont ta' tlett mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu, (LM323.45,0);**

**Illi l-ispejjez u imghaxijiet ta' din il-procedura ghandhom jinqasmu bejn is-socjetajiet konvenuti billi s-socjeta' Sea Malta Company Limited thallas parti minn ghaxra ta' l-istess, filwaqt li s-**

**socjeta' The Cargo Handling Company Limited thallas il-kumplament.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**